**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 46 – 27 ta' Frar 2015**

***Minuti tal-46 laqgħa tal-Kunsill tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar il-Gimgha, 27 ta' Frar, 2015.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:30 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 46. Il-laqgha bdiet fis-6:45 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Alfred Grixti** | Sindku |
| | **Thomas Agius** | Vici-Sindku |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Joseph Fsadni** | Kunsillier |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Catherine Sammut** | Kunsillier |
| **Skużati:** | **Cain Grech** | Kunsillier |
| | **Duncan Bartolo** | Kunsillier |
| **Assenti:** | Hadd | |
| **Pubbliku:** | Robert S. Tabone | Works Co-Ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | Paula M. Valletta | Segretarju Ezekuttiv |

**TENDER KNIS TAZ-ZONI URBANI**

1.1 Is-Sindku Alfred Grixti qal li ilha tingibed l-attenzjoni tal-kuntrattur tal-knis diversi drabi. Madanakollu s-servizz baqa jiddeterjora. Is-Segretarju talab lid-Dipartiment tal-Kunsill direzzjoni dwar x' jigri f'kazijiet bhal dawn anke ghall-fatt li baqa ma pprezentax il-performance bond. Id-Dipartiment wiegeb li jekk il-performance bond ma jinghatax fil-perjodu ta' zmien mehtieg, dan jintitola lill-Kunsill Lokali biex iqis il-Kuntratt hu abbandunat (Artiklu 30 (Appendici P3. IX tal-proceduri tal-1996 dwar il-Kunsill Lokali).

Il-performance bond baqghet ma gietx ipprezentata tul dan iz-zmien kollu.

Is-Sindku Alfred Grixti ippropona li l-laqgha tal-kunsill taqa f'istadju ta' kumitat. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Ghaldaqstant fis-7.00p.m. il-laqgha waqhet fi stadju ta' kumitat.

Fis-7:50pm tkompliet il-laqgha tal-Kunsill. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq din il-mozzjoni:

MOZZJONI – TMIEM TA' KUNTRATT TAL-KNIS U SERVIZZ TA' EMERGENZA

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug imlaqqa' b'urgenza llum il-Gimgha 27 ta' Frar 2015 iddecieda li:

1. Jittermina l-Kuntratt tal-Knis (ZBGLC04/11: Tender for Cleaning of Urban Areas in Haz-Zebbug billi dan il-kuntrattur:

   i) Naqas milli jaghmel il-performance guarantee u dan minkejja li kien imwissi u mwiddeb diversi drabi biex jiddepozita l-imsemmija garanzija l-bank

   ii) Naqas milli jaghti jaghti kaz u jiehu konjizzjoni ta' diversi "default notices" li nghatawlu minhabba diversi nuqqasijiet u mankanzi fl-operat tieghu fosthom li:

   a) Jhalli l-boroz mimlijin skart ghal diversi granet fit-triq minflok jigborhom u jiddisponi minnhom kif suppost,

   b) Naqas milli jaghti "programme of works" lill-Kunsill b'mod li ma setax isir kontroll sew fuq fejn qed isir ix-xoghol

   c) Naqas li jaghti lista ufficjali aggornata tal-ETC tal-impjegati tieghu kif huwa obbligat li jaghmel skont il-kundizzjonijiet tal-kuntratt u ghalhekk jirrisolvi li

2. Jibda servizz ta' emergenza skont id-direzzjoni u l-pariri moghtija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u dan ghall-perjodu ta' tliet xhur biex b'hekk ma jorbotx lill-Kunsill il-gdid li se jinhatar fil-11 ta' April 2015.

Fis-7:52 dahlet il-Kunsilliera Catherine Sammut.

Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Ittiehed vot.

Sadanittant gew approvati d-default notices ukoll li gew imhejjija tul ix-xahar ta’ Frar 2015.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Thomas Agius, l-Kunsilliera Roderick Aquilina, George Cortis, Philip Said, Catherine Sammut , Joseph Fsadni

**Astensjonijiet;** Hadd.

Il-mozzjoni giet approvata (188).

**Alfred Grixti.**

**Sindku.**

**Paula M. Valletta.**

**Segretarju Ezekuttiv.**